**297. L-Onor. Janice Chetcuti, f'isem l-Oppożizzjoni, tipproponi:**

Billi nhar l-1 ta' Lulju 2024, il-Ministru Michael Falzon poġġa fuq il-Mejda tal-Kamra, f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, ir-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Standards għall-Operat ta' Akkomodazzjonijiet ta' Pet Sitting u Stabbilimenti ta' Akkomodazzjoni ta' Pet Boarding għal Qtates u Klieb – Avviż Legali 149 tal-2024 (Kap. 439);

Billi dawn ir-Regolamenti dwar Standards għall-Operat ta' Akkomodazzjonijiet ta' Pet Sitting u Stabbilimenti ta' Akkomodazzjoni ta' Pet Boarding għal Qtates u Klieb ġew ippubblikati mingħajr ebda konsultazzjoni mal-Oppożizzjoni, iżda b'sempliċi daqqa ta' pinna tal-Ministru responsabbli għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali;

Billi l-Oppożizzjoni temmen li dawn ir-regolamenti ma jirrispettawx fit-totalità tagħhom id-drittijiet u l-ħarsien dovut lejn l-annimali;

Billi l-Oppożizzjoni tasal għal dan wara li ġie nnutat li aħna ma naqblux ma' żewġ artikoli proposti, li huma 2(1) u 11(3) (h) u dan għax fihom ma tingħatax l-importanza b'mod sħiħ lejn l-annimal in-kwistjoni u l-benessere totali tiegħu, b'relazzjoni ma' dak li hu rikjest mill-istess akkomodazzjonijiet biex dawn l-annimali jkunu miżmuma bl-aħjar mod possibbli;

Billi l-Oppożizzjoni allura ma tistax tifhem u taċċetta għalfejn dawn id-drittijiet bażiċi għal kull kelb jew qattus miżmum f'dawn il-postijiet differenti mhux ser jiġu trattati bl-aħjar mod possibbli u l-liġi kif inhi proposta tista' tħalli lok għal abbuż fuq l-istess annimali;

Billi l-Oppożizzjoni temmen ukoll allura illi permezz tal-inklużjoni ta' dawn l-artikoli kif inhuma miktuba u msemmija ġewwa A. L. 149 tal-2024, bihom, tista' tkun qed tinħoloq forma ta' moħqrija bla bżonn kontra l-annimal li tkun qed tmur kontra dak li hu mistenni minn Kap. 439, l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali;

Billi l-Oppożizzjoni għaldaqstant mhux qed tara koerenza allura ta' rispett lejn l-annimali kollha bl-istess mod, irrelevanti fejn jgħixu;

Billi l-Oppożizzjoni tara u tifhem l-importanza li kull kelb u qattus miżmum ġewwa dawn l-akkomodazzjonijiet ikollu l-ispazju meħtieġ biex jgħix ħajja dinjituża u komda għalih, irrelevanti kemm ser tkun twila r-residenza tiegħu fl-istess akkomodazzjoni u kif ukoll jingħatalu d-dritt bażiku ta' ambjent idoneu man-natura tiegħu, filwaqt li tingħata kull attenzjoni biex jibqa' jiġi stimulat permezz ta'eżerċizzju fiżiku. Dawn għandhom ikunu trattati bħala drittijiet bażiċi biex annimal ikun kuntent u mhux xi forma ta' lussu addizzjonali;

Billi l-Oppożizzjoni temmen ukoll illi dan it-tibdil fl-Avviż Legali prinċipali permezz tal-Avviż Legali sussegwenti, f'perjodu ta' ftit ġranet, toħroġ biċ-ċar in-nuqqas ta' konkretezza u kredibilità fid-deċiżjonijiet meħuda biex l-annimali u l-ħarsien tagħhom jittieħed bis-serjetà;

Billi l-Oppożizzjoni tisħaq illi dan l-Avviż Legali surreferit ma jirrispettax id-drittijiet bażiċi tal-annimali msemmija u ċjoè ma jirriflettix b'totalità l-Ħames Libertajiet kollha internazzjonali rikjesta biex annimal ikun miżmum tajjeb, u ċjoè:

1) Kull annimal għandu jkollu aċċessibbli ilma frisk u ikel bnin sabiex saħħtu tkun ikkurata tajjeb,

2) Kull annimal għandu jiġi eżaminat għal xi mard minn veterinarju,
3) Kull annimal għandu jkollu spazju biżżejjed fejn ikun qed jinżamm u possibbilment ikollu wkoll kumpanija ta' annimali oħra,
4) Kull annimal għandu jkollu dak il-post addattat fejn jistrieħ u jistkenn mill-elementi naturali tat-temp,
5) Kull annimal għandu jkun żgurat li jinżamm f'kundizzjonijiet xierqa, li ma jsofrix dwejjaq mingħajr bżonn, u ma tkunx se ssirlu ħsara mentali;

Billi l-Oppożizzjoni tisħaq li hi totalment favur il-ħarsien tal-annimali u d-drittijiet tagħhom, b'rispett lejn il-karatteristiċi u d-daqsijiet uniċi tagħhom, illi tant hu hekk fil-passat kien proprju Gvern immexxi minn Partit Nazzjonalista li ħoloq u beda d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali u anke fetaħ Ċentru San Franġisk, l-ewwel klinika għall-annimali miġbura minn barra t-triq u salvati;

Billi għalhekk l-Oppożizzjoni qiegħda tieħu dan il-pass favur u b'rispett sħiħ lejn il-ħarsien u d-drittijiet tal-annimali;

Għal dawn ir-raġunijiet prinċipali u oħrajn li l-Oppożizzjoni tkellmet dwarhom pubblikament, din il-Kamra tirrisolvi li r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Standards għall-Operat ta' Akkomodazzjonijiet ta' Pet Sitting u Stabbilimenti ta' Akkomodazzjoni ta' Pet Boarding għal Qtates u Klieb - Avviż Legali 149 tal-2024 - għandu jiġi emendat f'żewġ artikoli, billi:

1) L-artiklu 2(1) paragrafu 17 tal-Avviż Legali 149 tal-2024, li jaqra:

> *'Iżda l-fond għandu jinkludi wkoll residenza privata, inkluż garaxxijiet, fejn tinżamm akkomodazzjoni għal mhux aktar minn erba' (4) annimali f'daqqa għal perjodu ta' aktar minn ġimagħtejn (2), u fejn is-sid ta' dawn l-annimali ma jkunx l-okkupant jew is-sid tal-fond fejn jinżammu l-annimali;'*

għandu jitħassar u minfloku jidħol il-paragrafu li ġej:

> *'Iżda l-fond għandu jinkludi wkoll residenza privata, inkluż garaxxijiet, illi ma jistgħux ikunu taħt l-art u għandu jkollhom aċċess għal ventilazzjoni li tinkludi ukoll dawl naturali, fejn tinżamm akkomodazzjoni għal mhux aktar minn erba' (4) annimali f'daqqa għal perjodu ta' aktar minn ġimagħtejn (2), u fejn is-sid ta' dawn l-annimali ma jkunx l-okkupant jew is-sid tal-fond fejn jinżammu l-annimali';*

Billi l-Oppożizzjoni tisħaq li annimal m'għandu qatt jinżamm ġewwa garaxx taħt l-art li ma jkollux aċċess dirett u kontinwu għal dawl naturali u ventilazzjoni ta' arja tajba.

2) L-artiklu 11(3)(h) tal-Avviż Legali 149 tal-2024, li jaqra

> *'Kull magħlaq f'akkomodazzjoni għandu jkun immarkat b'mod ċar u għandha tkun fis-seħħ sistema li tiżgura li l-informazzjoni rilevanti li ġejja dwar l-annimal tkun disponibbli u tinkludi:*
>
> *(h) jekk rilevanti, ir-rutina tal-eżerċizzju.'*

għandu jitħassar u minfloku jidħol il-paragrafu li ġej;

*'Kull magħlaq f'akkomodazzjoni għandu jkun immarkat b'mod ċar u għandha tkun fis-seħħ sistema li tiżgura li l-informazzjoni rilevanti li ġejja dwar l-annimal tkun disponibbli u tinkludi:*

*(h) ir-relevanza individwali tar-rutina tal-eżerċizzju.'*

L-Oppożizzjoni tisħaq illi kull annimal miżmum ġewwa dawn l-akkomodazzjonijiet għandu jkollu dritt għal ħin partikulari relevanti maż-żmien, daqs u età tiegħu fejn fih jingħata eżerċizzju regolari.

**04.10.2024**

**Il-mozzjoni m'għaddietx fis-seduta 296 tas-16 ta' Diċembru 2024**